21997D0417(07)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 78/96

tat-13 ta' Diċembru 1996

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness VI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/96 tat-22 ta' Novembru 1996 ([1]);

Billi d-Deċiżjoni Nru 163 tal-31 ta' Mejju 1996 dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 22(1)(A) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 fir-rigward ta' persuni li jkunu qegħdin jagħmlu dijalisi jew terapija ta' l-ossiġenu, adottata mill-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-sigurtà soċjali għal ħaddiema li jmorru jaħdmu f'pajjiż ieħor ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test ta' punt 24 (Deċiżjoni Nru 123) fl-Anness VI għall-Ftehim għandu jiġi mħassar.

Artikolu 2

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42h (Deċiżjoni Nru 162) fl-Anness VI għall-Ftehim:

"42i. **396 D 0555**: Deċiżjoni Nru 163 tal-31 ta' Mejju 1996 dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) (A) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 fir-rigward ta' persuni li jkunu qegħdin jagħmlu dijalisi jew terapija ta' l-ossiġenu (ĠU L 241,tal-21.9.1996, p. 31).".

Artikolu 3

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 163 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 1997, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha meħtieġa taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. HAFSTEIN

([1]) ĠU L 71, tat13.3.1997, p. 34.
([2]) ĠU L 241, tat-21.9.1996, p. 31.